KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 340**

**IT-Tlieta 13 ta' Ġunju, 2017**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi, fis-sebgħa ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

L-Avukat Karol Aquilina – Sindku
Dr Alessia Psaila Zammit – Viċi Sindku
Is-Sur Julian Borg – Kunsillier
Is-Sin. Gillian Farrugia Pace – Kunsilliera
Is-Sur Nicholas Cassar – Kunsillier
Is-Sur Domenic Grech – Kunsillier
Is-Sur Clayton Cutajar – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Keith Galea– Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Dr Karol Aquilina ppresjeda l-laqgħa.

**340.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

340.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija.

**340.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

340.2.1 Inqraw il-minuti tas-Seduta numru 339. Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-laqgħa numru 339, jkunu approvati bħala korretti. Il-Kunsillier Clayton Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**340.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

340.3.1 Is-Sindku qal li Transport Malta bagħtet kuntratt lil Kunsill Lokali biex il-Kunsill jidħol fi ftehim ma TM biex l-istess Awtorita' tapplika għall fondi ewropej biex isiru xi toroq rurali. Is-Sindku qal li filwaqt li m'għandu jkun hemm l-ebda problema li dan issir il-kunsill għandu jitlob garanzija li f'uħud minn dawn it-toroq proposti li jsiru ġa la darba u kemm il-darba jsiru ma jkunx hemm permessi għal tlielaq ta' vetturi jew bhejjem. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li tidied klawzula f'dan ir-rigward fil-ftehim.

340.3.2 Is-Sindku qal li l-kont ta' Triq id-Dejqa kien għadu pendenti dan wara li kif kien diskuss għal diversi drabi fil-kunsill parti mit-triq ma kienetx saret kif kellha ssir. Is-Sindku qal li fuq parir tal-Perit tal-Kunsill qed jiproponi li l-Kunsill japprova l-ħlas ta' żewġ terzi tal-pagament u l-kumplament jitħallas wara li jkunu tlestew ix-xogħlijiet li hemm bżonn jerġgħu isiru. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

340.3.3 Is-Sindku qal ukoll 'the official road scheme allignment' hekk kif propost mill-awtorita tal-ippjanar għal Parti minn Triq Ramija. għandu jibqa hekk kif inhu approvat preżentament, u għalhekk il-kunsill qabel li jżomm il-posizzjoni tal-awtorita.

**340.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

340.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

**340.5 Festa San Nikola 2017**

340.5.1 Is-Sindku qal li wara li saret il-laqgħa mal-persuni konċernati biex ikun żgurat li l-kolonna 'Citta Ferdinand' toqgħod u li ma toħloq ebda inkonvenjent, qed jiproponi li jinħareġ peremss lil Brass Band biex tintrama din il-kolonna. Intant is-Segretarju għandu jara li dan l-armar ta' din il-kolonna ma joħloqx inkonvenjent mal-posta tal-qubbajd. Is-Segretarju għandu jara li jiltaqa' fuq il-post mas-sid li jarma l-posta tal-qubbajd u s-Sur Eusebio Buhagiar. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu. Il-Kunsill qabel ukoll li l-permess għall-armar l-ieħor propost mis-Siġġiewi Brass Band and Social Club Festival ikun miżmum f'dan l-istadju sakhemm fil-futur qarib issir laqgħa bejn il-partijiet biex jintlaħaq ftehim bejniethom.

**340.6 Diskussjoni dwar il-management letter b'rabta mas-sena Finanzjarja 2016:**

340.6.1 Is-Sindku talab lil accountant tal-Kunsill jispjega l-kontentut tal-management letter għas-sena 2016 u saret diskussjoni fuq ir-risposta liema ittri qed jiġu annessi mal-minuti.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**340.7 Diskussjoni u apporvazzjoni dwar l-estimi finanzjarji tal-ewwel kwart tas-sena 2017:**

340.7.1 saret diskussjoni fuq ir-rapport dwar l-estimi finanzjarji tal-ewwel kwart tas-sena.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu

**340.8 *Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

340.8.1 Il-Kunsillier Clayton Cutajar qal li qed jikkolabora mal-kunsilliera Gillian Farrugia Pace dwar ħarġa għall-esplora li mistennija ssir fit-22 ta' Ġunju. Hu semma wkoll li saret l-attivita' tal-ftuħ tal-programm naqsam il-muza bl-attivita' nhar it-8 ta' Ġunju 2017 fis-sala tal-Kunsill, liema attivita kienet suċċess. Hu semma kif fil-ġranet li ġejjin f'postijiet publiċi ser jitwaħħlu dawn l-opri artistiċi magħżula bil-għan li jiżdied l-għarfien kulturali. Il-Kunsillier Clayton Cutajar informa lil kunsill li se jkun qed jattendi live-in dwar l-enerġija rinovabbli bħala parti mill-proġett SKOP.

340.8.2 Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace fakkret li fl-20 ta' Ġunju se ssir quddiesa għall-anzjani u wara jsir ir-riċeviment fl-okkazzjoni tal-Festa. Hi semmiet ukoll li kien hemm xi residenti li rċevew ittra mingħand il-Maltapost li tgħid li l-kunsill oġġezzjona biex issir letter box ġdida qrib il-ħanut 'Many things' li qed iservi bħala sub post office. Is-Segretarju fakkar li l-kunsill kien qabel li ssir din il-letter box iżda ma jaqbilx li biex issir din il-letter box titneħħa l-kaxxa postali ta Triq Lorenzo Gafa.

340.8.3 Il-Kunsillier Julian Borg ippropona li ħdejn il-limestone heritage jitwaħħlu tabelli bħal ma nsibu fi Pjazza San Nikola biex is-sewwieqa ta' vetturi kbar ma jħallux il-vetturi mixgħula sakhemm jistennew lil passiġġieri peress li dan qed joħloq inkonvenjent lir-residenti tal-madwar.

340.8.4 Is-Sindku qal li rċieva talba biex issir manutenzjoni fuq bankina fi Triq Ħal Kbir. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu. is-Sindku qal ukoll li rċieva talba biex għal sena oħra l-kunsill jgħin biex jipprovdi transport lil membri tal-grupp solidarjeta'. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

340.8.5 Il-Kunsillier Nicholas Cassar qal li hemm bżonn li jsir aktar tindif bejn il-ground tal-football u l-court tal-Basketball.

**340.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

340.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskeda tal-pagamenti. Is-Sindku ppropona li l-pagamenti jkunu approvati mill-Kunsill.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**340.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

340.10.1 Il-laqgħa intemmet fid-8.30 p.m. u s-Sindku ppropona li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill issir nhar l-Erbgħa 12 ta' Lulju 2017 fis-7.00p.m. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Konfermati, illum 12 ta' Lulju 2017.

| | |
|---|---|
| Dr Alessia Psaila Zammit | Keith Galea |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |